MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 325/2012

**Johann Said**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Johann Said fit-23 ta' Novembru 2012 permezz ta' liema fl-ewwel lok jitlob li t-Tribunal jisma' r-Rikors tieghu bl-urgenza stante li l-attività meritu tal-kontestazzjoni ser issir bejn it-12 ta' Dicembru 2012 u s-6 ta' Jannar 2013, u fil-meritu jitlob li dan it-Tribunal jiddikjara li r-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-applikazzjoni tieghu *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday* $12^{th}$ *December 2012 and Sunday* $6^{th}$ *January 2013 (both dates inclusive)* ma kienx gustifikat u ma kellu ebda fundament fil-ligi, u konsegwentement jordna lill-istess Kummissarju tal-Pulizija sabiex johrog il-permess minnu mitlub ghall-attività in kwistjoni kif dirett mit-Tribunal

ta’ l-Appell dwar il-Licenzi tal-Pulizija, bl-ispejjez u b’riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lilu kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. “A” sa’ Dok. “D”;

Ra d-Digriet datat 26 ta’ Novembru 2012 li bih giet milqugha t-talba ghas-smigh bl-urgenza tar-Rikors ta’ Johann Said u l-istess gie appuntat ghas-smigh ghall-4 ta’ Dicembru 2012 fis-2:00p.m.;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fl-4 ta’ Dicembru 2012 permezz ta’ liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) in linea preliminari dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jisma’ dan il-kaz peress illi l-kwistjoni meritu ta’ dawn il-proceduri taqa’ taht il-kompetenza tat-Tribunal ta’ Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija, u li (ii) fil-meritu t-talbiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghal diversi ragunijiet kif dettaljatament esposti fl-istess Risposta;

Ra d-dokument markat Dok. “KP1” anness mar-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Sema’ x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti ta’ l-4 ta’ Dicembru 2012 u tas-7 ta’ Dicembru 2012, ix-xhieda tas-Supretendent Alexandra Mamo, ta’ Vincent Micallef Pulè in rapprezentanza ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta u ta’ Carmen Borg in rapprezentanza tal-GRTU moghtija waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Dicembru 2012, u x-xhieda ta’ l-Assistent Kummissarju Neville Aquilina, ta’ l-Assistent Kummissarju Raymond Zammit u ta’ Konrad Pulè moghtija waqt is-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2012;

Ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Dicembru 2012 markati Dok. “JS1” sa’ Dok. “JS17”, id-dokumenti esebiti minn Vincent Micallef Pulè waqt l-istess imsemmija seduta markati Dok. “VMP1” u Dok. “VMP2” u d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tal-Pulizija permezz

ta’ Nota pprezentata fil-5 ta’ Dicembru 2012 markati Dok. “A1” sa’ Dok. “A21”;

Sema’ t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jitlob ir-revizjoni tad-decizjoni ta’ l-Intimat li jichad it-talba tieghu ghall-hrug ta’ licenza *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013 (both days inclusive)* notifikata lilu b’ittra datata 21 ta’ Novembru 2012[1] u ulterjorment elaborata f’ittra datata 22 ta’ Novembru 2012[2]. In effetti bl-ittra tal-21 ta’ Novembru 2012 ir-Rikorrent gie infurmat li *you may wish to note that <u>a refusal is being submitted</u> for the setting up and running of a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries, also known as “il-Fossos” on the dates indicated in the captioned subject* u bl-ittra tat-22 ta’ Novembru 2012 l-Avukat tar-Rikorrent giet infurmata li *filwaqt li qed nehmizlek kopja tar-rapport tat-Tribunal dwar l-applikazzjoni fuq imsemmija, jiddispjacini ninfurmak illi r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ma tistax tigi milqugha peress illi b’zieda ma’ dak indikat fl-ittra taghna tat-18 ta’ Ottubru 2012, giet stabbilita policy illi spazji fil-miftuh gewwa il-Floriana, inkluz l-Fossos, m’ghandhomx ikunu okkupati minn operaturi ta’ cirku*. Ir-Rikorrent jikkontesta r-rifjut ta’ l-Intimat ghaliex skontu hija *abbusiva u minghajr ebda fundament kemm fattwali u kemm legali.*

L-Intimat jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess ghandha tigi michuda ghaliex, ghal diversi ragunijiet esposti b’mod dettaljat fir-Risposta tieghu, hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Apparte l-kontestazzjoni fil-meritu l-Intimat jissolleva eccezzjoni ta’ natura preliminari, fis-sens illi dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jisma’ dan il-kaz in kwantu l-kompetenza ghall-konsiderazzjoni tal-vertenza

[1] Dok. “B” anness mar-Rikors promotur.
[2] Dok. “C” anness mar-Rikors promotur.

meritu ta’ dawn il-proceduri hija vestita fit-Tribunal ta’ Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija u ghaldaqstant b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan it-Tribunal huwa prekluz milli jittratta u jiddeciedi l-kaz in ezami.

B’referenza ghal tali eccezzjoni t-Tribunal ser jibda l-ewwel billi jaghmel xi osservazzjonijiet dwar dak sottomess mill-Intimat fir-Risposta tieghu in sostenn ta’ l-eccezzjoni preliminari sollevata minnu.

Fl-ewwel paragrafu tar-Risposta tieghu l-Intimat *inter alia* jghid li *fil-kaz partikolari, fejn it-talbiet tar-rikorrent qeghdin jiccentraw esklussivament fuq hrug ta’ licenzja li giet rifjutata, l-esponent jikkontendi illi dan huwa kaz li digà ha konjizzjoni tieghu it-Tribunal ta’ Appelli dwar Licenzji tal-Pulizija, li huwa Tribunal Amministrattiv imsemmi fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta’ Malta, u li ghandu l-kompetenza illi “jisma’ u jaqta l-parir finali li ghandu jinghata lill-Kummissarju dwar xi decizjoni ta’ qabel li l-istess Kummissarju jkun ha dwar l-ghoti, it-tigdid, it-trasferiment jew it-thassir ta’ licenzji”. Gialadarba digà hemm decizjoni minn dan l-organu fuq il-kaz in kwistjoni, ir-rikorrent qieghed jittenta biss illi jerga’ jappella minn decizjoni wara li digà kien hemm proceduri dwarha*[3].

Fil-fehma tat-Tribunal b’din is-sottomissjoni l-Intimat jipprova jtappan ir-raguni vera ghalfejn ir-Rikorrent isititwixxa dawn il-proceduri in opposizzjoni ghar-rifjut tieghu. L-implikazzjoni li tohrog minn din is-sottomissjoni hija li ghalkemm usufruwixxa mid-dritt li jappella quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija mir-rifjut ta' l-Intimat ghat-talba tieghu *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December, 2012 and Sunday 6th January, 2012 (both days inclusive),* peress illi tali proceduri ma kellhomx ezitu favorevoli ghalih issa qed jipprova jottjeni rimedju minn dan it-Tribunal meta bhala fatt ma ghandux dritt jirrikorri quddiemu. Fid-dawl tal-

[3] Sottolinear tat-Tribunal.

fattispecie ta' dan il-kaz però jirrizulta li dak allegat mill-Intimat fil-konfront ta' l-agir tar-Rikorrent huwa ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt, u r-Rikorrent irrikorra ghal dan it-Tribunal ghaliex ir-rimedju provdut fil-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02 fil-kaz tieghu rrizulta ghal kollox inutili u bla effett ghaliex ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija **favur ir-Rikorrent giet arbitrarjament injorata mill-Intimat**.

Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

- F'xi zmien matul l-2012 (jekk huwiex f'Jannar jew f'Lulju ta' l-2012 huwa ghal finijiet ta' dawn il-proceduri kemm xejn irrilevanti) ir-Rikorrent applika ma' l-Intimat biex jottjeni licenza *to run a Circius at the parking area in Floriana, adjacent to the Granaries also known as "il-Fossos" between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013, both days inclusive;*
- Fit-**18 ta' Ottubru 2012** ir-Rikorrent gie infurmat illi t-talba tieghu kienet qed tigi michuda *since an objection has been received from Transport Malta Land Transport Directorate for the running of the circus in the area referred above due to the impact that this will have on the parking availability in Floriana and Valletta during the festive season*;
- Ai termini tar-Regolament 4(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02 ir-Rikorrent appella minn din id-decizjoni ta' l-Intimat quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija;
- Fl-**14 ta' Novembru 2012** it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija, wara li sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet koncernati, ossia r-Rikorrent, l-Intimat u l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, li kienet l-Awtorità li f'dak l-istadju ssollevat oggezzjoni ghat-talba tar-Rikorrent, ghamel rakkomandazzjoni li *l-permess jinghata b'dawk il-kundizzjonijiet li l-Kummissarju tal-Pulizija jidirlu xieraq* ghaliex *it-Tribunal jikkonsidra l-attività tac-cirklu li tibda wara l-5:00 ta' wara nofsinhar, ma tqajjimx diffikultajiet zejda rigward parking areas. F'dawn l-areas ma jkunx hemm hafna karozzi wara dan il-hin. Waqt il-laqgha ssemma li l-oggezzjoni saret minhabba li l-GRTU ikkontendit li jigi affettwat hazin in-negozju fil-Belt.*

*Minbarra li wara l-5:00 ta' wara nofsinhar il-pressjoni fuq parking tonqos hafna, persuni li jridu jidhlu il-Belt, aktar jaghmel sens li jmorru l-Park & Ride fejn jinkludi trasport ghal Belt, milli jipparkjaw il-Furjana. Ghalhekk, it-Tribunal jidirlu illi l-kontenzjoni tal-GRTU m'hiex valida*;

- Fil-**21 ta' Novembru 2012** l-Intimat, minghajr ma gharraf lir-Rikorrent dwar l-ezitu ta' l-appell quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija, informa lir-Rikorrent li *you may wish to note that <u>a refusal is being submitted</u> for the stting up and running of a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries, also known as "il-Fossos", on the dates indicated in the captioned subject*;
- L-ghada, fit-**22 ta' Novembru 2012**, l-Avukat tar-Rikorrent giet infurmata li *filwaqt li qed nhemizlek kopja tar-rapport tat-Tribunal dwar l-applikazzjoni fuq imsemmija* (u allura kien biss f'din id-data li r-Rikorrent sar jaf x'kien l-ezitu ta' l-appell minnu interpost quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija) *jiddispjacini ninfurmak illi r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ma tistax tigi milqugha peress illi b'zieda ma' dak indikat fl-ittra taghna tat-18 ta' Ottubru 2012, giet stabbilita policy illi spazji fil-miftuh gewwa il-Floriana, inkluz il-Fossos, m'ghandhomx ikunu okkupati minn operaturi ta' cirku*.

Huwa minnu li l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li *t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima*, izda dan l-Artikolu necessarjament ghandu jinqara flimkien ma' dak provdut fl-Artikolu 5 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *qieghed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun maghruf bhala t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop ta' l-ezercizzju ta' kull kompetenza*

*ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiv b'din il-ligi, jew taht din il-ligi, jew xi ligi ohra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att. It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jirrivedi atti amministrattivi*.

Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi johrog car li l-iskop ewlieni tal-Legislatur kemm bil-holqien ta' dan it-Tribunal kif ukoll bil-holqien ta' tirbunali amministrattivi ohra, huwa li c-cittadin privat ikollu **rimedju effettiv** ghar-revizjoni amministrattiva ta' decizjoni li tittiehed minn awtorità pubblika fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant, dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi interpretat fis-sens illi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza biex jisma' u jittratta tilwima partikolari bejn l-awtorità pubblika u c-cittadin privat biss kemm-il darba dan ta' l-ahhar ikollu u/jew ikun inghata **rimedju effettiv** quddiem Qorti jew Tribunal iehor. Konsegwentement ghalhekk is-semplici ezistenza ta' Tribunal - anke jekk dan jitqies bhala tribunal amministrattiv ai termini tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta[4] - mhux necessarjament teskludi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal milli jisma' u jittratta dik il-vertenza kemm-il darba jirrizulta li fil-kaz partikolari l-applikant ikun gie mcahhad mid-dritt li jkollu rimedju effettiv ghar-revizjoni amministrattiva ta' decizjoni li ttiehed fil-konfront tieghu. Naturalment dana ma japplikax b'mod indiskriminat ghal kull kaz fejn jigi allegat li cittadin privat ma jkunx inghata rimedju effettiv, izda kull kaz ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tieghu.

It-Tribunal huwa tal-fehma li fil-kaz in ezami r-Rikorrent, nonostante d-dritt ta' appell mid-decizjoni ta' l-Intimat quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija, gie mcahhad minn rimedju effettiv ghar-revizjoni amministrattiva tar-rifjut ta' l-Intimat ghat-talba tieghu *to run a Circius at the parking area in Floriana, adjacent to the Granaries also known as "il-Fossos" between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013, both days inclusive,* u dana billi l-Intimat b'mod ghal

[4] Kif sottomess mill-Intimat fil-para.1 tar-Risposta tieghu.

kollox abbusiv u arbitrarju, kif ser jigi spjegat f'iktar dettal iktar 'l quddiem f'din id-decizjoni, injora r-rakkomandazzjoni favur ir-Rikorrent da parte tat-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija, anke ghaliex skontu hija biss rakkomandazzjoni u ghalhekk mhux vinkolanti, u pproceda biex jikkonferma r-rifjut ghal dik it-talba. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, nonostante dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal hu kompetenti biex jisma' u jiddeciedi t-talba tar-Rikorrent.

Kif già iktar ‘l fuq osservat ir-Rikorrent jikkontesta r-rifjut ta' l-Intimat ghaliex *abbusiv u minghajr ebda fundament kemm fattwali u kemm legali.* Jikkontendi wkoll li *l-esponent ihoss li f’socjetà demokratika dan l-agir huwa inaccettabbli u imur kontra u jikser bl-iktar mod flagranti d-drittijiet fundamentali tal-esponent qua cittadin u qua negozjant, li qed jinghata rifjut fuq bazi ta’ raguni gdida li ma tressqet bl-ebda mod quddiem it-Tribunal tal-appelli dwar l-licenzi tal-pulizija u ghalhekk l-esponent gie prekluz minn jressaq difisa bi* [vjolazzjoni] *ta’ kull principju ta’ gustizzja naturali*. L-Intimat jirribatti ghal din l-affermazzjoni tar-Rikorrent b’diversi argumenti li gew minnu dettaljatament esposti fir-Risposta tieghu u li se jigu trattati wiehed wiehed f’din id-decizjoni.

L-ewwel argument avvanzat mill-Intimat kontra l-pretensjoni tar-Rikorrent huwa li *jigi pprecizat illi kuntrarju ghal dak li qieghed jinghad mir-rikorrent, l-applikazzjoni ghall-permess sabiex jigi operat dan ic-cirku saret f’Lulju 2012 u mhux f’Jannar, u ghalhekk ma hux minnu li jezisti kaz fejn kien hemm applikazzjoni li kien ilha pendenti ghaxar xhur u nghata rifjut fl-ahhar*[5]. Ghalkemm il-partijiet kontendenti sahqu fuq dan il-punt in verità t-Tribunal iqis li ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri, li huma proceduri ta’ revizjoni ta’ decizjoni amministrattiva, huwa ghal kwantu immaterjali jekk l-applikazzjoni saritx f’Jannar jew f’Lulju 2012. Il-perijodu li invece huwa rilevanti ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri, partikolarment fid-dawl ta’ kif zvolgew il-fatti ta’ dan il-kaz, huwa dak bejn it-18 ta’ Ottubru 2012

[5] Para. 3 tar-Risposta ta’ l-Intimat.

(id-data ta’ l-ewwel rifjut da parte ta’ l-Intimat) u t-22 ta’ Novembru 2012 (id-data meta r-Rikorrent, tramite l-Avukat tieghu, gie infurmat bir-raguni ghat-tieni rifjut da parte ta’ l-Intimat mahrug fil-21 ta' Novembru 2012).

L-Intimat jikkontendi wkoll li *jirrizulta illi l-applikazzjoni tar-rikorrent ma gietx akkumpanjata mid-dokumenti kollha mehtiega, stante li ghad baqa’ xi dokumenti li ma gewx mghoddija minnu lill-Pulizija, kif ser jigi ppruvat fil-mori tar-rikors*[6]*.* Apparte il-fatt illi l-Intimat donnu qed jaccenna ghal raguni gdida w ulterjuri ghar-rifjut moghti fil-konfront tar-Rikorrent, mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal u senjatament mix-xhieda li ta l-Assistent Kummissarju Neville Aquilina waqt is-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2012, jirrizulta li kuntrarjament ghal dak affermat mill-Intimat, l-istess Intimat ghandu fil-pussess tieghu d-dokumenti kollha necessarji u mehtiega ghall-finijiet ta’ l-ipprocessar tat-talba tar-Rikorrent. L-uniku aspett li s'issa ghadu ma giex trattat huwa dak dwar is-sigurezza tat-tinda, liema aspett però jista' jigi trattat biss wara li tinhareg il-licenza u b'hekk tkun tista' tittella t-tinda tac-cirku.

L-Intimat jattakka l-lanjanza tar-Rikorrent dwar it-telf pekunjarju li allegatament qed isofri minhabba s-sitwazzjoni li jinstab fiha u jikkontendi li *kull oggezzjoni u decizjoni f’dan il-kaz dejjem kienet u tibqa’ ssir abbazi tal-kongestjoni li tinholoq fiz-zona u abbazi ta’ spazji mnaqqsa ghall-parkegg fi zmien meta l-Belt Valletta tkun frekwentata filghaxijiet hafna aktar mis-soltu. Ghalhekk ir-Rikorrent huwa liberu li jekk irid japplika biex jaghmel l-attività f’post iehor li jkun idoneju ghal din it-tip ta’ attività. Illi l-esponent jinsab sorpriz hafna kif ir-rikorrent qieghed jallega illi l-fatt li nhariglu rifjut huwa leziv ghad-drittijiet tieghu bhala cittadin, però fl-istess waqt, ir-rikorrent xorta wahda baqa’ jipprepara biex jaghmel din l-attività minkejja li ma kellux permessi f’idejh, u qieghed ukoll jippretendi illi ghandu xi dritt sagrosant illi jokkupa post pubbliku ghall-gwadan ekonomiku tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar, jekk hu ghandu xi dritt f’dan il-kaz, zgur mhux dak ta’ certezza li sejjer jithalla jokkupa art pubblika ghall-gwadan personali*

---

[6] Para. 4 tar-Risposta ta’ l-Intimat.

*tieghu. Ghalhekk, jekk ir-rikorrent illum qieghed jallega li sofra xi telf pekunjarju, il-htija ghal dan ma tista' tigi attribwita lil hadd hlief lilu, peress illi kien hu illi nonostante l-fatt li ma kellux certezza ta' permessi f'idejh, ipproceda bil-preparamenti tieghu bhallikieku kellu xi dritt li jokkupa l-parkegg tal-Furjana biex jaghmel l-attività li ried. Illi b'rabta ma' dan, jinghad ukoll illi r-rikorrent jaf ben tajjeb illi din mhix l-ewwel darba illi saru dawn l-oggezzjonijiet, u ghax inhareg il-permess fis-snin ta' qabel, xorta wahda ma jfissirx illi wiehed ghandu jserrah mohhu li se jibqa' jinhareg dan il-permess ghas-snin konsekuttivi. Anzi, dan kellu jixpruna lir-rikorrent biex isib post alternattiv gialadarba kien qieghed jara li kull sena kien qieghed ikun hemm l-istess problemi. Illi b'riferenza wkoll ghall-permess li inghata r-rikorrent biex jarma booth fid-dahla tal-Belt Valletta, jigi pprecizat illi dan il-permess gie moghti lilu mill-Kunsill Lokali tal-Belt u mhux mill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Kummissarju l-uniku rwol li kellu kien biss li jinforma lill-Kunsill b'xi kundizzjonijiet li seta' kien hemm, kif fil-fatt ghamel. Konsegwentement, il-Kunsill Lokali ta permess lir-rikorrent bil-patt u l-kundizzjoni fost l-ohrajn, li ma jsir ebda bejgh ta' biljetti minn hemm, izda semplicement biex jaghti informazzjoni lill-pubbliku in generali rigward l-attività li jkun se jtella'. L-esponent, f'applikazzjonijiet ghal booths ta' dan it-tip, ma jkun interessat f'xejn iktar hlief il-bejgh ta' biljetti ma jsirx, li n-nies jithallew liberi, u li l-attività li tkun qed tinghata informazzjoni dwarha tkun wahda legali. Fejn ha ssir l-attività mhix rilevanti ghall-esponent meta jinghata permess ghal booth. Ghalhekk isegwi wkoll illi l-fatt li r-rikorrent thalla jarma booth fid-dahla tal-Belt Valletta, mhix ekwivalenti ghal permess biex jarma cirku fil-parkegg tal-Furjana u lanqas ma jista' jinftiehem illi ghax hemm permess ghal booth se jinghata permess biex jintrama c-cirku fejn irid ir-rikorrent. Il-fatt li l-esponent ma oggezzjonax biex ir-rikorrent jinghata permess biex jiftah booth juri semplicement illi l-esponent ma ghandu l-ebda interess li jwaqqaf ir-rikorrent milli jtella' attività dejjem jekk ikun kollox konformi mar-rekwiziti tal-ligi u ma'*

*konsiderazzjonijiet ohra li jigu evalwati wara li jkunu tqiesu l-fatti kollha u l-opinjonijiet tal-persuni koncernati kollha*[7].

Filwaqt illi t-Tribunal josserva li ma hijiex kompetenza Tieghu li jidhol fi kwistjonijiet ta' danni li r-Rikorrent jista' qed isofri minhabba l-agir ta' l-Intimat fil-konfront tieghu u li r-Rikorrent bhala fatt ma ghandu ebda dritt jew jedd awtomatiku ghall-hrug ta' licenza biex jopera cirku mill-parkegg fejn il-Fossos il-Furjana, ma jqisx però li l-osservazzjonijiet ta' l-Intimat fil-konfront tar-Rikorrent huma ghal kollox gusti. Jibda biex jinghad li daqs kemm ir-Rikorrent – minhabba esperjenza passata – seta' jaghmel *contingency plan* u jsib post alternattiv fejn izomm ic-cirku, daqstant iehor l-Intimat seta' fi zmien qasir wara li giet sottomessa l-applikazzjoni mir-Rikorrent *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December, 2012 and Sunday 6th January, 2013 (both days inclusive)* jekk mhux addirittura b'effett immedjat, jirrifjuta dik l-applikazzjoni sabiex ir-Rikorrent effettivament ikun jaf x'inhi l-posizzjoni tieghu fir-rigward, u mhux jipprocedi b'dik l-applikazzjoni u/jew jaghti kunsensi ghal aspetti ancillari u konessi li jwasslu lill-applikant biex jifhem li fl-ahhar mill-ahhar it-talba tieghu **kif impostata u formulata** tkun ser tigi milqugha bhala kienet finalment giet milqugha fis-snin ta' qabel.

Ghalkemm waqt ix-xhieda li ta fis-7 ta' Dicembru 2012 l-Assistent Kummissarju Neville Aquilina ddikjara li ma hijiex *policy* tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta applikazzjoni b'effett immedjat minghajr ma jisma' u jikkonsidra x'ghandhom xi jghidu fir-rigward awtoritajiet ohra li jistghu jkunu kkoncernati, ir-Regolament 3(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02 effettivament jaghtih dik is-setgha: *qabel ma jiehu decizjoni kif imsemmi fis-subregolament (1), il-Kummissarju jista'*[8] *jikkonsulta lil kull awtorità li titqies kompetenti li taghti parir dwar dak li jkollu x'jaqsam mat-talba u huwa ghandu jikkunsidra kull oggezzjoni li ssir minn kull parti ohra li jkollha interess*. Ladarba l-Intimat stess jikkontendi li *kull oggezzjoni u*

---

[7] Para. 9 sa' 12 tar-Risposta ta' l-Intimat.
[8] Sottolinear tat-Tribunal.

*decizjoni f'dan il-kaz dejjem kienet u tibqa' ssir abbazi tal-kongestjoni li tinholoq fiz-zona u abbazi ta' spazji mnaqqsa ghall-parkegg fi zmien meta l-Belt Valletta tkun frekwentata filghaxijiet hafna aktar mis-soltu*, huwa ovvju li huwa già kien jaf li se jirrifjuta dik it-talba indipendentement mill-oggezzjonijiet o meno li seta' jkollu u b'hekk ma kien hemm assolutament xejn x'jzommu milli immedjatament jirrifjuta l-applikazzjoni tar-Rikorrent kif minnu impostata biex l-istess jkun f'posizzjoni jew jikkontesta dik id-decizjoni f'termini ta' zmien ragjonevoli jew jaghzel post alternattiv kif issa qed jakkuzah li kellu jaghmel l-Intimat.

In kwantu rigwarda l-kunsens ghall-information booth fid-dahla tal-Belt Valletta moghti mill-Intima, it-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li l-mod kif gie formulat dan il-kunsens, specjalment bl-intestatura *request to set up an Information Kiosk in Freedom Square opposite Burger King from the 1st November 2012 for the upcoming Circus which will be held on the Granaries Floriana in December, 2012*[9], ma huwiex fic-cirkostanzi tal-kaz mill-iktar felici u r-Rikorrent gustament gie sgwidat f' li jahseb li kien hemm il-possibilità reali li t-talba tieghu kienet ser tigi milqugha minghajr il-problemi kollha li nholqu fis-snin ta' qabel.

Indipendetement mill-argumentazzjonijiet kollha sollevati mill-Intimat in sostenn tad-decizjoni tieghu fil-konfront ta' l-Intimat, l-argument centrali fuq liema l-Intimat isejjes il-legittimità tad-decizjoni tieghu hu li huwa fl-ebda hin ma agixxa b'mod abbusiv izda semplicement ezercita d-diskrezzjoni konferita lilu bil-Ligi, senjatament bl-Att dwar il-Licenzi tal-Pulizija, Kap.128 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Legislazzjoni Sussidjarja Relattiva, u li fl-ahhar mill-ahhar obda ordni imposta fuqu mill-Kabinett kif kien fid-dover u fl-obbligu li jaghmel skond il-provvedimenti ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap.249 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal kkonsidra bir-reqqa l-argumentazzjonijiet sollevati mill-Intimat f'dan ir-rigward izda huwa tal-fehma li fil-kaz in ezami kien hemm abbuz lampanti tad-

[9] Sottolinear tat-Tribunal.

diskrezzjoni konferita kemm fuq l-Intimat kif ukoll fuq il-Kabinett bis-sahha tal-Kap.128 u tal-Kap.249 tal-Ligijiet ta' Malta, rispettivament.

Huwa principju assodat li d-Dritt Amministrattiv *is the law relating to the control of governmental power. … The governmental power in question is not that of Parliament. Parliament as the legislature is sovereign and, subject to one exception*[10]*, is beyond legal control. The powers of all other public authorities are subordinated to the law, just as much in the case of the Crown and ministers as in the case of local authorities and other public bodies. All such subordinate powers have two inherent characteristics. First, they are all subject to legal limitations; there is no such thing as absolute or unfettered administrative power. Secondly, and consequentially, it is always possible for any power to be abused. Even where Parliament enacts that a minister may make such order as he thinks fit for a certain purpose, the Court may still invalidate the order if it infringes one of the many judge-made rules. And the Court will invalidate it, a fortiori, if it infringes the limits that Parliament itself has ordained*[11]*. The primary purpose of administrative law, therefore, is to keep the powers of government within their legal bounds, so as to protect the citizen against their abuse. The powerful engines of authority must be prevented from running amok. 'Abuse', it should be made clear, carries no necessary innuendo of malice or bad faith. Government departments may misunderstand their legal position as easily as may other people, and the law which they have to administer is frequently complex and uncertain. Abuse is therefore inevitable, and it is all the more necessary that the law should provide means to check it. It is a common occurrence that a minister's order is set aside by the court as unlawful, that a compulsory purchase order has to be quashed or that the decision of a planning authority is declared to be irregular and void. The courts are constantly occupied with cases of this kind which are nothing more than the practical application of the rule of*

[10] Fis-sistema guridika nostrali r-rispett tal-Kostituzzjoni u ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.
[11] Sottolinear tat-Tribunal.

*law, meaning that the government must have legal warrant for what it does and that if it acts unlawfully the citizen has an effective legal remedy*[12]*. … Judicial control, therefore, primarily means review and is based on a fundamental principle, inherent throughout the legal system, that powers can be validly exercised only within their true limits. The doctrines by which those limits are ascertained and enforced form the very marrow of administrative law. But there are many situations in which the courts interpret Acts of Parliament as authorizing only action which is reasonable or which has some particular purpose, so that its merits determine its legality. Somtetimes the Act itself will expressly limit the power in this way, but even if it does not it is common for the court to infer that some limitation is intended. … It is a cardinal axiom that every power has legal limits. If the court finds that the power has been exercised oppressively or unreasonably, or if there has been some procedural failing, such as not allowing a person affected to put forward this case, the act may be condemned as unlawful. Although lawyers appearing for government departments have often argued that some Act confers unfettered discretion on a minister, they are guilty of constitutional blasphemy. Unfettered discretion cannot exist where the rule of law reigns*[13]*.*

Minn dawn il-principji johrog car li ebda awtorità governattiva, inkluz il-Kabinett, ma ghandha an *absolute and unfettered discretion* u zgur ma tistax tippretendi li l-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha ma jkunx soggett ghal skrutinju guridiku u ghall-eventwalità tat-thassir u revoka ta' decizjoni moghtija meta din tirrizulta li tkun abbusiva u/jew arbitrarja.

Ghalkemm l-Intimat jikkontendi li d-decizjoni tal-Kabinett li jipprojbixxi l-uzu u okkupazzjoni ta’ spazji fil-miftuh fil-Furjana, inkluz il-Fossos, da parte ta’ operaturi ta’ cirku ma tistax tigi skrutinizzata u wisq inqas invalidata minn dan it-Tribunal ghaliex ir-Rikorrent istitwixxa l-proceduri

[12] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth – 10th Edition, pagni 4 – 5.
[13] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth – 10th Edition, pagna 29. Sottolinear tat-Tribunal.

kontra tiegħu biss u mhux ukoll kontra l-Ministri li jikkomponu l-Kabinett, din is-sosttomissjoni assolutament ma tistax tregi. Ladarba ir-rifjut ta' l-Intimat għat-talba tar-Rikorrent huwa bbazat fuq id-deċizjoni tal-Kabinett, dan it-Tribunal neċessarjament għandu janalizza l-validità u legalità ta' dik id-deċizjoni sabiex finalment jiddetermina jekk kienx hemm abbuż ta' diskrezzjoni fil-konfront tar-Rikorrent kif minnu allegat.

Il-prinċipju li jirregola l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni governattiva, inkluża d-diskrezzjoni tal-Kabinett, huwa li *a public body vested with statutory powers such as those conferred upon the corporation must take care not to exceed or abuse its powers. It must keep within the limits of the authority committed to it. It must act in good faith. And it must act reasonably. The last proposition is involved in the second, if not in the first*[14]*. … A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. <u>A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably</u>*[15]*. … It is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no*

[14] Westminster Corporation v. L & NW Railway [1905] AC 426 at 430, Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth – 10th Edition, pagna 294.
[15] Roberts v. Hopwood [1925] AC 578 at 613, Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth – 10th Edition, pagna 295. Sottolinear tat-Tribunal.

*sensible person could ever dream that it lay within the powers of authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the red-haired teacher dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might also be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another. … The rule of reason has thus become a generalised rubric covering not only sheer absurdity or caprice, but merging into illegitimate motives and purposes, a wide category of errors commonly described as 'irrelevant considerations', and mistakes and misunderstandings which can be classed as self misdirection, or addressing oneself to the wrong question. … Reasonableness does not require reasons to be stated. The only significance of withholding reasons is that if the facts point overwhelmingly to one conclusion, the decision-maker cannot complain if he is held to have had no rational reason for deciding differently, and that in the absence of reasons he is in danger of being held to have acted arbitrarily*[16].

Meta l-fattispecie ta' dan il-kaz jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principji appena enuncjati ma jistax ghajr li jirrizulta li kien hemm abbuz fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni kemm da parte ta' l-Intimat kif ukoll da parte tal-Kabinett, liema abbuz necessarjament iwassal ghall-invalidità u illegittimità tar-rifjut ta' l-Intimat ghat-talba tar-Rikorrent *to run a Circius at the parking area in Floriana, adjacent to the Granaries also known as "il-Fossos" between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013, both days inclusive.*

Originarjament l-Intimat irrifjuta t-talba tar-Rikorrent *since an objection has been received from Transport Malta Land Directorate for the running of the circus in the area referred above* (ossia *the parking area in Floriana adjacent to the Granaries*) *<u>due to the impact that this will have on the parking availability in Floriana and Valletta</u>*

[16] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth – 10th Edition, pagna 295, 303 – 305.

*during the festive season*[17]. Waqt is-smigh ta' l-appell quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija u fil-kors tal-proceduri odjerni rrizulta li l-bazi ta' l-oggezzjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta kienet in verità oggezzjoni tal-GRTU minhabba l-allegat impatt negattiv li dan ic-cirku jista' jkollu fuq il-kummerc tal-hwienet tal-Belt Valletta fi zmien il-festi tal-Milied. F'dan is-sens issir referenza partikolari ghax-xhieda ta' Vincent Micallef Pulè u ta' Carmen Borg moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2012 u ghax-xhieda ta' Konrad Pulè moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Dicembru 2012, kif ukoll ghall-*e-mail* li ntbaghtet minn Carmen Borg ghan-nom tal-GRTU lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fejn inghad *further to your correspondence dated 3rd and the 14th September regarding the setting up of a Circus at the P&R and at the Car Park area adjacent to Granaries k/a 'l-fosos in Floriana, GRTU is of the opinion that an alternative space should be found for both events. GRTU feels that valuable parking space at that time of the year leading to the Christmas period would be needed for car parking spaces*[18].

L-Intimat kien konxju mill-fatt illi l-oggezzjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta kienet imsejsa fuq l-interessi tal-GRTU u tal-membri taghha ghaliex fl-ittra ta' l-istess Awtorità lis-Supretendent Alexandra Mamo datata 20 ta' Settembru 2012, Konrad Pulè espressament iddikjara *please note that Transport Malta has discussed the proposal with the busniess community and due to the impact that this will have on the parking availability in Floriana and Valletta during the festive season, the request cannot be approved*. In verità l-Intimat qatt ma messu sommarjament laqa' dik l-oggezzjoni u pproceda biex jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent a bazi taghha u dana billi ai termini tar-Regolament 3(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02 *qabel ma jiehu decizjoni kif imsemmi fis-subregolament (1), il-Kummissarju jsita' jikkonsulta lil kull awtorità li titqies kompetenti li taghti parir dwar dak li jkollu x'jaqsam mat-talba u huwa ghandu jikkunsidra kull*

---

17 Dok. "A" anness mar-Rikors promotur.

18 Dok. "VMP2" esebit minn Vincent Micallef Pulè waqt is-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2012.

*oggezzjoni li ssir minn kull parti ohra li jkollha interess*. L-Awtorità tigi kkonsultata mill-Intimat biex taghti l-opinjoni taghha dwar l-impatt tat-talba li ssir lilu fir-rigward ta' dawk l-affarijiet u jew aspetti li jaqghu taht il-funzjonijiet u responsabiltajiet taghha u certament l-interessi tal-GRTU u tal-membri taghha – anke jekk mohbija wara l-iskuza tal-*parking availability* – ma jaqghux entro l-parametri tal-funzjonijiet u responsabiltajiet ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta. Awtorità pubblika qatt ma ghandha tkun parzjali lejn u tippromuvoi l-interessi personali ta' sezzjoni partikolari tas-socjetà, kemm civili kif ukoll kummercjali, kif gara fil-kaz in ezami u dana billi awtorità pubblika, proprio ghaliex awtorità pubblika, ghandha tkun 'l fuq minn kull interess personali jew partiggjan.

Fil-fehma tat-Tribunal l-Intimat ma kellux jikkonsidra l-interessi tal-GRTU ghaliex l-oggezzjoni taghhom ma gietx avvanzata b'mod dirett minnhom izda bil-mohbi wara l-faccata u l-parenza ta' l-Awtorità ghat- Trasport f'Malta. Madanakollu anke jekk jitqies li l-Intimat seta' jikkonsidra l-veduti tal-GRTU ghaliex tista' titqies bhala parti interessata – konsiderazzjoni din al quanto perikoluza fil-kuntest ta' *good governance* – huwa kien fid-dmir li jqis l-interessi ta' zewg partijiet privati – l-interessi tar-Rikorrent u l-interessi tal-hwienet tal-Belt Valletta – b'mod iktar ekwu u bilancjat u mhux jaghti widen lil fazzjoni wahda biss. L-Intimat ghadda biex jaccetta l-oggezzjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent minhabba kwistjonijiet parkegg minghajr ma ha in konsiderazzjoni l-fatt li fil-Furjana hemm diversi parkeggi ohra disponibbli li certament jattenwaw in-nuqqas tal-parkegg ta' hdejn il-Fossos fejn ir-Rikorrent jitlob li jarma c-cirku. F'dan il-kaz l-Intimat kellu obbligu ferm qawwi li jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet qabel ma jaghti d-decizjoni tieghu, ghaliex jirrizulta bic-car li l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ghazlet li tinjorhom biex minflok tipprotegi l-interessi tal-GRTU. In effetti mix-xhieda kemm ta' Vincent Micallef Pulè moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2012 kif ukoll mix-xhieda ta' Konrad Pulè moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Dicembru 2012, johrog b'mod car li l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ghazlet li taghlaq ghajnejha ghall-fatt li fil-Furjana, u

appuntu fil-vicinanzi tal-Fossos hemm parkeggi ohra disponibbli li jistghu jattenwaw ghan-nuqqas tal-parkegg ta' fejn il-Fossos fejn ir-Rikorrent jitlob li jarma c-cirku. L-Awtorità inhbiet wara l-iskuza li ma tafx b'dawn il-parkeggi – ghalkemm josserva t-Tribunal dawn huma in bella vista ghal kulhadd u ferm uzati min-nies li jiffrekwentaw il-Furjana w il-Belt Valletta – u li fi kwalunkwe kaz ma humiex parkeggi li jaqghu tahtha. Sfortunatament l-Intimat ghazel li jezercita d-diskrezzjoni tieghu billi jaghmel semplici *rubber stamping* ta' l-oggezzjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta minghajr ma indenja ruhu jikkonsidra sew il-fondatezza u legittimità ta' dik l-oggezzjoni.

It-Tribunal josserva li l-awtoritajiet pubblici u anke dawk governattivi ma ghandhomx jadottaw il-funzjoni ta' protetturi jew tuturi ta' l-interessi ta' *lobby groups* li jirrapprezentaw l-interessi personali ta' xi uhud a detriment u bi pregudizzju ta' haddiehor; dana zgur ma jikkostitwixxix *good governance.*

Il-fatt li r-rifjut da parte ta' l-Intimat fic-cirkostanzi ma kienx korrett u gust jirrizulta kkonfermat mir-rapport tat-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija u konsegwenti rakkomandazzjoni sabiex tinhareg licenza favur ir-Rikorrent, rakkomandazzjoni li però giet ghal kollox injorata mill-Intimat li fil-21 ta' Novembru 2012 – minghajr ma ghamel ebda accenn ghar-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija – b'mod skjett ikkonferma r-rifjut tieghu billi semplicement gharraf lir-Rikorrent li *you may wish to note that a refusal is being submitted to the setting up and running of a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries, also known as 'il-Fossos', on the dates indicated in the captioned subject.*

Fir-Risposta tieghu l-Intimat jikkontendi li *ghalkemm id-decizjoni tat-Tribunal hija biss rakkomandazzjoni u ma torbotx lill-Kummissarju, u dan anke kif johrog mill-L.S. 128.02, xorta wahda d-decizjoni li jiehu l-Kummissarju wara li jinqata' l-kaz mit-Tribunal tkun wahda meqjusa li tkun hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li jkun irrakkomanda t-Tribunal. Fi kliem iehor, f'dan il-kaz, id-*

*decizjoni finali tal-Kummissarju, li bhala decizjoni amministrattiva fl-ahhar mill-ahhar tispetta lilu, ittiehdet verament ghax kien hemm ragunijiet validi u mhux b'xi forma ta' abbuz ta' poter jew ta' arbitrarjetà. Id-decizjoni hija wkoll ragjonevoli u proporzjonata ghac-cirkostanzi*[19]. It-Tribunal però ma jistax jifhem kif l-Intimat jippretendi li fid-decizjoni li ta fil-21 ta' Novembru 2012 – minghajr anqas biss ma informa lir-Rikorrent bl-ezitu ta' l-appell quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija – ha in konsiderazzjoni dak li rrakkomanda t-Tribunal meta in verità dak li ghamel kien biss li injora ghal kollox dik ir-rakkomandazzjoni.

Jigi osservat li kien biss fit-22 ta' Novembru 2012 – u cioè wara li kkonferma r-rifjut tat-talba tar-Rikorrent – li l-Intimat, fuq insistenza ta' l-istess Rikorrent, infurmah bl-ezitu ta' l-appell quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija u li issa r-rifjut huwa bbazat fuq *policy* tal-Gvern – apparentement stabbilita wara r-rifjut originali – illi spazji fil-miftuh gewwa l-Floriana, inkluz il-Fossos, m'ghandhomx ikunu okkupati minn operaturi ta' cirku[20].

Wara li qies din il-*policy* li ghamel referenza ghaliha l-Intimat u cioè semplici e-mail datata 19 ta' Novembru 2012 li biha l-istess Intimat gie infurmat li waqt il-laqgha tat-22 ta' Ottubru 2012 *Cabinet agreed that open spaces in Floriana, including the Granaries, are not to be encumbered by Circus operators*[21] u li konvenjentement taghtu raguni jew ahjar skuza biex jinjora r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija, it-Tribunal xorta wahda ma jistax jqis li r-rifjut tat-talba tar-Rikorrent tal-21 ta' Novembru 2012 huwa gustifikat u dana billi din l-allegata *policy* – li fuqha huwa bbazat ir-rifjut – ma tissodisfax id-dettami l-ezercizzju korrett tad-diskrezzjoni ministerjali u tar-ragjonevolezza kif sanciti fid-Dritt Amminsitrattiv.

---

19 Para. 8 tar-Risposta ta' l-Intimat.
20 Dok. "C" anness mar-Rikors promotur.
21 Dok. "A21" esebit mill-Intimat permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Dicembru 2012.

Mill-kontenut ta’ l-e-mail imsemmija huwa evidenti li d-decizjoni tal-Kabinett hija wahda ghal kollox arbitrarja ghaliex ma tinghata ebda raguni ghalfejn l-istess Kabinett iddecieda li *open spaces in Floriana, including the Granaries, are not to be encumbered by Circus operators*. In effetti qari ta’ din l-e-mail jaghti lok ghas-segwenti mistoqsijiet: ghaliex il-Kabinett ha din id-decizjoni biss fir-rigward ta’ *open spaces in Floriana* u mhux ukoll fir-rigward ta’ proprjetà pubblika ohra li ugwalment tista’ tigi effettwata biz-zamma ta’ attivitajiet organizzati fuqha jew fil-vicinanzi taghha? u ghaliex ipprojbixxa biss lill-operaturi ta’ cirku milli jokkupaw il-Fossos u mhux ukoll l-operaturi tad-diversi attivitajiet li jsiru matul is-sena f’dan l-istess post u li wkoll joholqu diffikultajiet notevoli ta’ parkegg fil-Furjana u fil-Belt Valletta? Minn din l-e-mail u mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal ma johorgu ebda risposti sodisfacenti ghal dawn il-kweziti u ghalhekk tirrizulta kompletament arbitrarja. L-arbitrarjetà tad-decizjoni tal-Kabinett giet ikonfermata mill-Intimat stess illi waqt it-trattazzjoni orali f’dawn il-proceduri sahaq li l-Kabinett *qua* l-ghola organu ta’ l-Istat ghadu d-dritt li jiddeciedi **kif irid hu u kif jidhirlu hu** dwar min jista’ jew ma jistax jaghmel uzu mill-proprjetà tieghu – li jigi osservat hija proprjetà pubblika ossia tal-pajjiz u mhux tal-Kabinett. Hawnhekk donnu qed jintensa l-principju diversi drabi enuncjat – specjalment mill-Qrati Inglizi – li *"No matter how high you are, the law is always above you".*

Kif già iktar ‘l fuq osservat <u>*a discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*</u>. Però f’dan il-kaz il-Kabinett agixxa semplicement *because he* [it] *is minded to do so*. Ghalkemm gie iktar ‘l fuq osservat li *reasonableness does not require reasons to be stated. The only significance of withholding reasons is that if the facts point overwhelmingly to one conclusion, the decision-maker cannot complain if he is held to have had no rational reason for deciding differently, and that in the absence of reasons he is in danger of being held to have*

*acted arbitrarily*, f'dan il-kaz *the facts* ***do not*** *point overwhelmingly to one conclusion* – ossia r-rifjut tat-talba tar-Rikorrent anzi piuttost il-kuntrarju skond ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ta' Appelli dwar il-Licenzi tal-Pulizija – u ghalhekk il-Kabinett kien obbligat li jibbaza id-decizjoni li jidher li ha fit-22 ta' Ottubru 2012 u li jidher li gharraf lill-Intimat biha biss fid-19 ta' Novembru 2012, fuq ragunijiet validi u ben definiti.

Fir-Risposta tieghu l-Intimat jittanta jaghti sembjanza ta' legittimità lill-*policy* stabbilita mill-Kabinett u jikkontendi li *din hija decizjoni li taghmel sens minhabba kwistjonijiet relatati ma' ordni pubbliku, minhabba kongestjoni tat-traffiku u nuqqas ta' spazju ghall-parkegg, u anke minhabba protesti li jsiru minhabba dan it-tip ta' attività u l-prossimità taghhom ghall-Belt Valletta, specjalment f'dawn iz-zminijiet*[22]*.* Nonostante dak affermat mill-Intimat fir-Risposta tieghu, waqt is-smigh tal-proceduri u senjatament mix-xhieda ta' l-Assistent Kummissarju Neville Aquilina, irrizulta li konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku u ta' protesti li jistghu jsiru minhabba dawn it-tip ta' attivitajiet ma ghandhomx ikunu ta' effett negattiv ghal talba ghall-hrug ta' licenza ghal cirku ghaliex il-Korp tal-Pulizija qieghed hemm proprio biex fi kwalunkwe kaz jittutela l-ordni pubbliku u li jintervjeni f'kaz ta' protesti. Ghal dak li jirrigwarda l-kongestjoni tat-traffiku u l-kwistjoni ta' parkegg già rrizulta li din hi konsiderazzjoni li wkoll ma ghandhiex teffettwa b'mod negattiv talba ghall-hrug ta' licenza biex jinzamm cirku anke jekk din issir ghall-Furjana. B'hekk *policy* tal-Kabinett ma ghandhiex tintuza biex talba li ssir legittimament tigi deligittimizzata ghaliex altrimenti jkun qed jigi pprattika agir abbusiv mill-iktar assolut.

Ghalkemm l-Intimat jikkontendi li bil-Ligi huwa obbligat li jobdi l-ordnijiet jew direttivi li jinghataw lilu mill-Ministru responsabbli jew addirittura mill-Kabinett, b'daqshekk ma jfissirx li decizjoni jew *policy* ministerjali jew tal-Kabinett kjarament arbitrarja tikseb xi forma ta' legittimità, anzi piuttost il-kuntrarju. Kwalunkwe rifjut ibbazat fuq decizjoni

[22] Para. 6 tar-Risposta ta' l-Intimat.

ministerjali arbitrarja w irragjonevoli huwa wkoll ghal kollox arbitrarju w irragjonveoli u certament ma jistax jigi kkonfermat minn dan it-Tribunal.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta li r-rifjut ta' l-Intimat ghat-talba tar-Rikorrent *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013 (both dates inclusive)* huwa nieqes mir-ragjonevolezza u ghal kollox abbusiv, u bhala tali ghandu jigi mhassar u revokat.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija, jilqa' t-talbiet tar-Rikorrent u filwaqt li jhassar u jirrevoka r-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-talba tar-Rikorrent *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013 (both dates inclusive)* in kwantu nieqies mir-ragjonevolezza u ghal kollox abbusiv, jidderigi lill-istess Kummissarju tal-Pulizija sabiex johrog licenza favur ir-Rikorrent *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013 (both dates inclusive)*.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------